BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 16/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2012 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 15/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. C.Cachia ippropona u K.Barun issekonda mozzjoni biex il-minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

*01/12 -* Ġiet imressqa fuq il-mejda talba minn distributur tal-gass sabiex flok iħallas għal ħsara li għamel fil-21 ta' Lulju 2012 lil l-*arm* tal-*barrier* li hemm fil-Bajja s-Sabiħa, dan isewwi l-ħsara hu. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqetx din it-talba minħabba l-fatt li l-*barrier* kienet twaħħlet biss ġurnata qabel u għaldaqstant l-*arm* għanda tinbidel għal waħda ġdida u mhux tissewwa.

*02/12 -* Kif kien mitlub mill-Kamra f'Seduta Nru 15/12 ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra żewġ pjanti dettaljati għat-tisbiħ ta' Misraħ is-Summit. Wara diskussjoni l-Kamra għażlet li tagħżel pjanta Nru. 2 għal dan it-tisbiħ. Kif kien imwiegħed min-naħa ta' Transport Malta dan l-*embellishment* għandu jitħallas min-naħa tagħhom u għaldaqstant għanda tinġieb konferma ta' dan bil-miktub qabel nibdew il-proċeduri neċessarji.

*03/12 -* Bħas-snin preċedenti s-Superjur tal-Mużew Subien ressaq talba lill-Kunsill Lokali sabiex nhar l-24 ta' Diċembru f'toroq f'Birżebbuġa u fis-27 ta' Diċembru f'toroq ġewwa l-Qajjenza ssir il-purċissjoni tradizzjonali tal-bambin. Il-Kamra laqet din it-talba.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti kwotazzjoni Nru. 10/12 – *Printing* tal-*Magazine* tal-Kunsill Lokali :

| **Nru.** | **Kuntrattur** | **Option 1 -** **Pubblikazzjoni waħda** | **Option 2 –** **Żewġ Pubblikazzjonijiet** |
|---|---|---|---|
| 1 | Veritas Press | €1365.00 | €2730.00 |
| 2 | Adverteyes Ltd. | €3700.00 | €6608.00 |
| 3 | Union Print | €1603.35 | €3093.30 |
| 4 | Gutenberg Press | €1417.50 | €2730.00 |

Wara li l-Kamra evalwat il-kwotazzjonijiet mitfugħa għażlet lill-Kuntrattur Nru. 4 – Gutenberg Press Option 2, minħabba li kien l-orħos wieħed flimkien ma' ieħor u kellu l-aħjar *portfolio.*

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €63380.18 titħallas skont Skeda Nru. 12/12.

***AĠENDA -5***

1) Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :-

- l-amministrazzjoni ser tibda taħdem sabiex jinħarġu l-offerti pubbliċi għal alterazzjonijiet fil-grawnd tal-futbol fil-Bajja s-Sabiħa u għall-*embellishment* tal-parkeġġ ta' Wied il-Buni.

- il-Kunsill Lokali ser japplika għal fondi sabiex jinstalla *surveillance cameras* fil-ġonna taħt l-iskema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013 – Memo 45/2012.

- il-Kunsill Lokali ser japplika għal fondi sabiex jieħu sehem fl-iskema ta' Finanzjament ta' Proġetti Pilota - Inizjattiva msejħa *Book Box* – Memo 56/2012.

- preżentement hemm miftuħa tlett sejħiet :

  - Offerta Nru. 08/12 – Ġbir ta' Skart Goff
  - Offerta Nru. 09/12 – Manutenzjoni u Installazzjoni ta' Lampi u Dawl Ornamentali
  - Offerta Nru. 10/12 – Manutenzjoni u Installazzjoni ta' Lampi tad-Dawl tat-Toroq

- ġiet imwaħħla l-*cat feeding station* fil-Bajja s-Sabiħa.

- l-appell għad-deċiżjoni tal-Offerta Pubblika Nru. 06/12 – Provista u Installazzjoni ta' bandli, *fence* u *soft flooring* fi Ġnien il-Kunsill Lokali, Ġnien Profs. Anton Tabone u Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti instema' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru 2012 u l-Kunsill Lokali qed jistenna r-risposta tal-bord tal-appell sabiex inkunu nistgħu nipproċedu.

- l-attivita' ta' Jum l-Anzjan/a d-dħul kien ta' €942 u l-ħruġ kien ta' €948. Il-Kamra approvat diskrepanza ta' €6.00

2) Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- issuġġerixxa li ssir estenzjoni tal-*intercom* għat-tieni sular. Kulħadd qabel.

- Il-Kunsill Lokali ser japplika għal fondi sabiex joffri programm sportiv lir-residenti taħt l-iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013 – Memo 49/2012.

3) Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

- talab sabiex nitolbu lill-kuntrattur jibda biċċiet ta' xogħol żgħar f'diverti partijiet ta' Birżebbuġa bħal bankini u *patches* ta' tarmak. Kulħadd qabel.

4) Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- talab lill-Kamra sabiex fi Triq San Mikiel faċċata ta' Triq San Pietru tinqala' mera temporanjament sakemm jiġi armat *father christmas* kbir minn resident u din terġa' titwaħħal eżatt wara li jintrama l-*father christmas*. Kulħadd qabel.

- talab liċ-*chairman* tal-ġonna sabiex jara li fi Ġnien il-Kunsill Lokali jinżergħu l-pjanti skont il-kuntratt.

5) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- informa l-Kamra li nhar il-Ħamis, 13 ta' Diċembru 2012 għalkemm hi festa pubblika xorta ser jarma l-monti.

- issuġġerixxa li għal żmien il-Milied jingħata permess speċjali lil tal-monti sabiex jarma filgħaxijiet fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqetx dan is-suġġeriment.

6) Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- informa l-Kamra lix-xatt hemm problema kbira fil-*cables* tad-dawl li ser tiġi tiswa ammont sostanzjali ta' flus sabiex tissewwa. Il-Kamra qablet li t-tiswija neċessarja għandha ssir pero' qabel għandha tinġieb kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.15pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 9 ta' Jannar 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................ |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |